MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 25/2005/1

**Ricoinvest Limited**

**v.**

**Catherine Ripard**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Ricoinvest Limited kienet bdiet proceduri quddiem ic-Centru Malti ghall-Arbitragg fejn tablet il-likwidazzjoni u hlas ta' danni minhabba li Catherine Ripard kienet unilateralment itterminat ftehim li kien hemm bejnithom. L-intimata kienetipprezentat kontrotalba fejn tablet li jigu rifuzi lilha sehem mill-profitt li thallas lill Ricoinvest mis-26 ta' April 2003 sa April 2004. Ricoinvest kienet wiegbet li

ma kien dovut xejn lill intimata  billi din baqghet tahdem skond il-kuntratt li kien hemm bejniethom.

L-arbitru li gie imqabbad mill-partijiet kien iddecieda b'lodo tat 22 ta' Awissu 2005 billi cahad l-eccezzjoni u t-talba rikonvenzjonali avvanzati mill-intimata Catherine Ripard billi ghalkemm ma kienx legalment necessarju illi l-intimata tipprocedi giudizzjarjament biex tottjeni dikjarazzjoni illi l-ftehim tas-7 ta' April 2003 kien xjolt *ipso jure* a tenur ta' l-artikolu 15.2.3 tal-ftehim de quo,  ir-raguni migjuba mill-intimata, fis-sens li l-istess ftehim kien gie xjolt a tenur ta' l-artiklu 15.2.3. tal-ftehim,  ma kienitx legalment sostenibbli fic-cirkostanzi tal-kaz. L-intimata giet ghalhekk ikkundannata thallas lill Ricoinvest is-somma ta' Lm 16,920.00 bl-imghax bit-tmienja fil-mija dekoribbli mit-2 ta' Marzu 2004 sal-pagament effettiv. It-talba ta' Ricoinvest biex tinghata ordni  a tenur ta' l-artiklu 7.2. tal-ftehim giet michuda.

Kien sar appell mill intimata minn dan il-lodo u l-Qorti ta' l-Appell  cahdet l-Appell b'sentenza tal 10 ta' Mejju 2006.

Issa Catherine Ripard ipprezentat dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell a bazi ta' l-Artikolu 881(e) tal-Kap 12. Ir-rittrattanda qed tissottometti li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin f'zewg okkazzjonijiet u dan fir-rigward ta' l-ewwel u t-tielet aggravju ta' l-appell.

*Dwar l-ewwel aggravju,* r-ritrattanda tghid li l-Qorti ta' l-Appell naqset milli tapplika l-artikolu 558 u 559 tal-Kap 12 u naqset li tgharrbel jekk fil-lodo qiesx il-provi kif dirett b'dawn iz-zewg artikoli. Issostni li l-prova li ressqu r-ritrattati ma kienitx tikkostitwixxi prova u ghalhekk kellha tigi skarata. *Dwar it-tielet aggravju,* tghid li l-Qorti naqset li tapplika l-artikolu 1141 tal-Kap 12 kif iccarat mill-gurisprudenza u cjoe  ma applikatx il-principju  *in illiquidis non fit mora.*

Ir-ritrattati wiegbu li l-Qorti ta' l-Appell  ma applikatx l-artikolu hazin tal-ligi u li r-ritrattanda ma semmitx fir-rikors taghha, kif kienet obbligata bil-ligi, liema kienu l- artikoli

tal-ligi li kellhom jigu applikati. Inoltre l-interpretazzjoni li Qorti taghti tal-ligi mhiex bazi ghal ritrattazzjoni.

**Ligi**

L-istatut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali in kwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li *"res judicata pro veritate habetur"*. Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-remedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi.

Ir-ritrattanda qed tibbaza t-talba taghha fuq l-artikolu 811(e) tal-Kap 12.

**811(e) Applikazzjoni hazina tal-ligi.**

L-Artikolu 811 jiddisponi li "*Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza*" u,

fis-subinciz (e) ta' l-istess artikolu nsibu bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni
"*jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*".

B'titolu ta' kjarifika ghall-kawzali imsemmija fil-paragrafu (e) il-ligi tispjega li meta titressaq talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq dan aggravju ghandu
"*jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, <u>fil-kaz biss</u> li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.*"

Inoltre fil-kuntest ta' din il-kawzali nsibu li l-Artikolu 816 tal-Kap 12 jrid li
"*meta r-raguni* (ghar-ritrattazzjoni) *hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.*"

Kif qalet l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tat-3 ta' Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet *Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe.* ghar-rigward ta' l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12:
*"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin" . (Ara AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D. App. 27/3/2003; Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri App. 2/6/2003; u Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et App. 10/10/2003).*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fir-rikors taghha r-rittrattanda ssostni li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin fir-rigward ta' l-ewwel u t-tielet aggravju ta' l-appell taghha.

<u>L-ahjar prova</u>

Dwar l-ewwel aggravju l-argument tar-ritrattanda hu li l-Qorti ta' l-Appell naqset li tapplika l-artikolu 558 u 559 tal-Kap 12 u naqset li tgharrbel jekk fil-lodo qiesx il-provi kif dirett b'dawn iz-zewg artikoli.

L-artikolu 558 jipprovvdi li "*Kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet*" u l-

artikolu 559 li "*il-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.*" Ir-ritrattandi tissottometti li f'dan il-kaz il-prova li ressqu r-ritrattati ma kienitx tikkostitwixxi prova u kellha tigi skarata.

L-ewwel aggravju gie ezaminat mill Qorti ta' l-Appell u fil-parti rilevanti tas-sentenza tghid li l-appell kif devolut quddiemha jippostula l-kanone tad-dritt applikabbli ghar-rigward tal-piz tal-prova. B'allegazzjoni esplicita fih jinghad li s-socjeta` appellata ma pprovatx id-danni li hi tghid li sofriet b'mod li ddizempjat ruhha mill-oneru nkombenti fuqha skond id-dettam ta' l-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Procedura ghal liema jirreferi l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 387. L-artikolu 562 jitkellem dwar l-obbligu li min jallega jrid jipprova.

Il-Qorti ta' l-appell ezaminat dana l-aggravju u sabet li hi ma tistax tipprovdi ghall-interpretazzjoni tal-fatti, diversa mir-rikostruzzjoni u valutazzjoni dwarhom li sar mill-Arbitru kif in effetti, qed tippretendi l-appellanti li ghandu hekk isir. Il-Qorti ta' Appell osservat li l-kontroll minnha ma jistax jirrigwarda l-konvinciment ta' l-Arbitru fuq ir-rilevanza probatorja ta' l-elementi istruttorji jekk din tkun wahda logika u fir-rispett tal-principji tad-dritt li jirregolaw il-mezz tal-provi.

Il-Qorti ta' l-Appell fil-fatt gharrblet l-aggravju tar-ritrattanda u ma sabet xejn x'ticcensura fil-mod kif l-Artbitru applika l-artikoli tal-Kodici ta' Procedura dwar il-principji tad-dritt li jirregolaw il-produzzjoni tal-provi, fosthom ir-rilevanza tal-provi, u l-produzzjoni ta' l-ahjar prova. Dwar il-valutazzjoni u apprezzament tal-provi (fosthom li l-Arbitru accetta l-prova dwar danni mressqa mir-ritrattati) maghmula mill-Arbitru, il-Qorti ta' l-Appell qieset li l-istess valutazzjoni ma kien fiha xejn illogiku jew mhux kongru jew li l-Arbitru ivvjola xi regola tad-dritt in materja.

L-istess aggravju li tqajjem quddiem il-Qorti ta' l-Appell qed jerga jitqajjem quddiem dina l-Qorti. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni a bazi ta' l-artikolu 811(e) irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-

hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin. Ma jirrizultax li l-Qorti applika xi ligi hazina ghal kaz.

Imghax

L-istess aggravju dwar l-imghax li tressaq quddiem il-Qorti ta' l-Appell rega' tressaq quddiem dina l-Qorti.

Fir-rikors taghha r-ritrattanda qed tirritjeni li l-Qorti ta' l-Appell naqset li tapplika l-artikolu 1141 tal-Kap 12 kif iccarat mill-gurisprudenza u cjoe  ma applikatx il-principju *in illiquidis non fit mora.*

Il-Qorti ta' l-Appell kienet qalet li fil-konsiderazzjoni ta' dan l-aggravju dwar id-dekors ta' l-imghax, ma jidherx li hu kuntrarju ghad-diskretiva rizervata lill-Arbitru dwar l-iffissar taz-zmien minn meta dan ghandu jibda jghaddi. Hu seta' allura, anke b'appliklazzjoni tan-norma okkorrenti tal-Kodici Civili (Artikolu 1141), jiddetermina li l-imghax jibda jghaddi mill-intima ufficcjali tat-terminazzjoni *ipso jure* tal-ftehim, kif hekk in effetti deherlu gustifikat li kellu jaghmel.

Fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell fl-interpretazzjoni taghha qalet li l-artikolu 1141 kien japplika. Din l-Qorti ma tidholx fl-interpretazzjoni tal-ligi li taghmel  Qorti ohra dwar is-signifikat ta' xi artikolu tal-Ligi.  Fil-kaz in ezami dina l-Qorti taqbel li l-Qorti ta' l-Appell imxiet sew billi hu rikonoxxut li "Il-principju legali in illiquidis non fit mora jista' jigi derogat f'certi cirkustanzi"  (Ellul Saviour noe **vs** Ellul vincenti AIC Joseph noe, Prim'Awla, 21/01/2005) u li din mhiex regola assoluta (Montebello vs Xuereb Vol LXXX111 p2 p 87)

Ghalhekk iz-zewg ragunijiet imressqa mir-ritrattanda ma jistghux jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi

Billi tichad it-talba tar-ritrattanda ghas-smigh mill-gdid ta’ l-Appell
Bl-ispejjez kontra taghha

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------